# STATUT BAŻIKU

# GĦALL-FRATELLANZI

---

Segretarjat għall-lajċi

Arċidjoċesi ta' Malta

CURIA ARCHIEPISCOPALIS
MELITEN

Wara li qist li ħafna mill-Istatuti tal-Fratellanzi li huma mwaqqfin f'din l-Arċidjoċesi ġew approvati żmien twil ilu, qabel il-Konċilju Vatikan it-Tieni; u għalhekk ma jirriflettux id-direzzjoni pastorali ġdida li ngħatat u ħarġet mir-riflessjoni teoloġika u pastorali mibdija u miġjuba 'l quddiem mill-Konċilju, u lanqas ma jirriflettu d-direttivi mogħtija mill-Konċilju u mid-dokumenti tas-Santa Sede imnebbħa mid-dokument tiegħu;

Wara li rajt li s-Sinodu Djoċesan, li sar dan l-aħħar, fid-dokument dwar il-Lajċi Nsara jitlob tiġdid fuq bażi parrokkjali, u jagħraf illi l-għaqdiet u l-movimenti tal-parroċċa huma għajn ta' enerġija mill-aktar importanti;

Bil-ħsieb li l-Fratellanzi jkunu regolati aħjar u aġġornati bħala Assoċjazzjonijiet tal-Lajċi fi ħdan il-Knisja skond l-ispirtu tal-Konċilju Vatikan it-Tieni u tas-Sinodu Djoċesan;

B'dan id-Digriet qed nippromulga Statut Bażiku komuni għall-Fratellanzi, li miegħu huma annessi tliet Appendiċi li jiffurmaw parti integranti ta' dan l-Istatut Bażiku, bil-ħsieb li dan l-Istatut u dawn l-Appendiċi jgħinu lill-membri tal-Fratellanzi fil-formazzjoni tagħhom ħalli jifhmu u jgħixu aħjar is-sejħa partikolari tagħhom fil-Knisja, u biex b'rabta mal-Fratellanza li tagħha huma membri jwettqu ħidmiet fil-komunita', u jaħdmu biex isseħħ kollaborazzjoni bejn il-Fratellanzi fi spirtu ekkleżjali ġenwin.

Biex jintlaħaq dan l-iskop nordna li, għallinqas dawk il-Fratellanzi ta' l-Arċidjoċesi li l-Istatuti tagħhom ma ġewx aġġornati fid-dawl tat-tagħlim u tad-direttivi tal-Konċilju Vatikan it-Tieni u ma ġewx approvati mill-Awtorita' tal-Knisja wara l-egħluq ta' dan il-Konċilju, għandhom mhux aktar tard minn sena mid-data ta' dan id-Digriet jippreżentaw fil-Kanċellerija tal-Kurja ta' din l-Arċidjoċesi l-Istatut tagħhom, li jirrikonoxxi dan l-Istatut Bażiku bl-Appendiċi kollha tiegħu bħala l-Istatut tal-Fratellanza, b'żieda ta' indikazzjoni preċiża tal-Fratellanza speċifika li għalih dak l-Istatut jirreferi.

Kif previst mill-istess Statut Bażiku, kull Fratellanza tista' jkollha r-Regolamenti Partikolari tagħha. Nordna għalhekk ukoll illi, flimkien ma' l-Istatut tal-Fratellanza preżentat fil-Kanċellerija tal-Kurja għandhom jiġu preżentati dawn ir-Regolamenti Partikolari tagħha li l-Fratellanza tista' tkun tixtieq li jkollha, b'talba li jiġu eżaminati u eventwalment approvati mill-Awtorita' tal-Knisja.

Mogħti mill-Kurja Arċiveskovili Floriana, 13 ta' Settembru 2006.

Carmel Zammit
Kanċellier

Ġużeppi Mercieca
Arċisqof ta' Malta

# STATUT BAŻIKU
# GĦALL-FRATELLANZI

## KONTENUT


1.Il-Fratellanza
2.L-Adulti Nsara
3.Il-Membri tal-Fratellanzi
4.Xhieda Vera ta' Kristu
5.L-Iskop Ewlieni tal-Fratellanzi
6.Fratellanza fi ħdan il-Knisja
7.Il-Membri
8.Il-Membri Assoċjati
9.Id-Dħul fil-Fratellanza
10.It-Tmexxija tal-Fratellanza
11.L-Għażla ta' l-Uffiċjali
12.Id-Dmirijiet u l-Jeddijiet tal-Fratelli
13.Id-Dmirijiet tad-Direttur Spiritwali u ta' l-Uffiċjali
14.L-Amministrazzjoni tal-Ġid tal-Fratellanza
15.Il-Laqgħat tal-Fratellanza
16.Il-Laqgħa ta' l-Uffiċjali
17.Il-Laqgħa tal-Fratelli
18.Il-Laqgħa ta' Formazzjoni
19.Sehem il-Fratellanza fil-Parroċċa
20.Il-Kollaborazzjoni bejn il-Fratellanzi
21.Statut tal-Fratellanza
22.Regolamenti Partikolari tal-Fratellanza
23.Dokumenti annessi ma' l-Istatut Bażiku
24.Emendi għall-Istatut Bażiku għall-Fratellanzi

Il-Fratellanza

Fratellanza hija:

a. Assoċjazzjoni ta' Adulti Nsara;
b. imwaqqfa biex iġġib 'il quddiem il-qima pubblika;
ċ. u biex taghmel xi ħidma ta' appostolat reliġjuż jew ta' karita';
d. organizzata b'mod ta' korp organiku;
e. imwaqqfa b'digriet formali ta' l-Awtorita' tal-Knisja kompetenti bħala assoċjazzjoni tal-fidili Nsara, u taħt il-ġurisdizzjoni tagħha.

L-Adulti Nsara

L-adulti Nsara bis-saħħa tal-magħmudija jibnu l-Knisja u għandhom sehem fl-uffiċċju saċerdotali, profetiku u rjali ta' Kristu, u għalhekk huma fid-dmir u għandhom id-dritt li individwalment u bħala għaqda, iħabirku biex il-Bxara t-Tajba tas-Salvazzjoni ta' Alla tkun milqugħa mill-bnedmin kollha u tinxtered sat-truf ta' l-art. Is-sagrament tal-Konfermazzjoni jissiġilla din il-missjoni u jqaddisha.

Il-Membri tal-Fratellanzi

Permezz tas-sħubija tagħhom fil-Fratellanzi, dan l-iskop jintlaħaq billi l-membri tal-Fratellanzi jikbru flimkien fl-għarfien tal-Kelma ta' Alla, ifaħħruh talli għoġbu jibgħatilna lil Ibnu, ifittxu li jgħinu lil xulxin u jkabbru l-għaqda ta' bejniethom, u jagħtu xhieda ta' l-imħabba ta' Alla għall-bnedmin kollha u jwassluhielhom. Dan kollu jagħmluh l-aktar bil-qima pubblika lil Alla u lill-qaddisin tiegħu, bil-ħidmiet tagħhom ta' appostolat u bil-laqgħat, ħidmiet u attivitajiet tal-Fratellanza li tagħha huma membri.

Xhieda Vera Ta' Kristu

Hekk ikunu jistgħu jagħtu xhieda vera bil-kliem u bl-għemil Ġesu' l-Mulej.

L-Iskop Ewlieni tal-Fratellanzi

Il-Fratellanzi, minbarra l-iskop ġenerali li l-membri jgħixu ħajja Nisranija aktar perfetta u li jġibu 'l quddiem il-qima pubblika, ikollhom skop ewlieni partikolari li jxerrdu l-Kelma ta' Alla, jew li jagħmlu ħidmiet ta' Karita', jew li jagħmlu xi ħidma oħra ta' appostolat biex hekk juru mħabbithom lejn Kristu u lejn il-bniedem.

Fratellanza fi ħdan il-Knisja

Il-Fratellanza mwaqqfa skond il-liġi tal-Knisja hija assoċjazzjoni ta' dritt pubbliku.

7 Il-Membri

7.1 Il-Fratelli u l-Konsorelli bħala regola huma;

7.2 Saċerdoti, djakni u membri ta' Istituti ta' Ħajja Konsagrata jistgħu jkunu membri ta' Fratellanzi: iżda dawn ma jistgħux ikollhom uffiċċji ta' tmexxija jew amministrazzjoni fil-Fratellanzi, iżda biss funzjonijiet ta' direzzjoni spiritwali.

Dak li jingħad minn issa 'l quddiem f'dan l-Istatut u fl-Appendiċi annessi dwar "Fratelli" jgħodd ukoll għall-"Konsorelli", sakemm ma jiġix speċifikat il-kuntrarju, p.eż. billi tintuża l-espressjoni "membri rġiel".

Il-Fratelli jfaħħru u jaqdu lill-Mulej billi joffru l-ħidmiet kollha tagħhom, dawk materjali u spiritwali, fi ħdan il-familja u bħala individwi, fuq ix-xogħol, fil-ħin tal-mistrieħ, fil-mumenti ta' tbatija u fil-ġrajjiet kollha tal-ħajja.

Il-Fratelli jridu jkunu:

i. mill-inqas ta' tmintax (18) il sena magħluqa;
ii. rċevew is-sagrament tal-Konfermazzjoni;

iii. jgħixu ħajja nisranija tajba;
iv. jafu bis-sejħa u l-ħidmiet tal-Fratellanza u ħerqana li jieħdu sehem fiha ħalli jikbru fil-qdusija;
v. fehmu li bit-tisħib fil-Fratellanza huma jkunu juru x-xewqa li jieħdu sehem fl-appostolat tal-Knisja;
vi. ħadu sehem f'kors ta' formazzjoni qabel isiru membri.

Bil-ħsieb li jħejju ruħhom biex isiru Fratelli, żgħażagħ bejn l-erbatax (14)-il sena magħluqa u t-tmintax(18)-il sena jistgħu jiġu milqugħa bħala Aspiranti fil-Fratellanza, b'dawk l-obbligi tal-Fratelli li jkunu jgħoddu għalihom. Waqt li huma Aspiranti, għandhom jagħmlu l-kors ta' formazzjoni.

Il-Fratelli li jmutu jkollhom dritt jindifnu bil-konfratija u bil-muzzetta tal-Fratellanza, jew bil-libsa jew distintiv oħra determinati mir-Regolamenti Partikolari tal-Fratellanza.

Il-Fratelli jkollhom dritt għal suffraġji wara mewthom. Il-Fratellanza toffri l-elemożina tal-Quddiesa tal-funeral u ta' żewġ Quddisiet oħra b'suffraġju għal ruħhom, filwaqt li f'Novembru toffri Quddiesa għall-Fratelli mejtin.

Jekk il-Fratellanza jkollha qabar jew oqbra, kull Fratell jkollu d-dritt li jindifen fih, jekk fiż-żmien tad-difna jkun hemm post.

8 Il-Membri Assoċjati

8.1 Fratellanza jista' wkoll ikollha fi ħdanha membri assoċjati.

Jistgħu jissieħbu bħala membri assoċjati dawk l-insara li jissodisfaw il-kundizzjonijiet imposti għall-Fratelli.

Membri assoċjati għandhom jgħixu s-sejħa u fejn jistgħu jagħtu sehemhom fit-twettiq tal-ħidmiet tal-Fratellanza u huma mħeġġa jattendu l-laqgħat ta' formazzjoni organizzati mill-Fratellanza.

Membri assoċjati m'għandhomx dritt li jattendu għal-laqgħa tal-Fratelli msemmija f'artiklu 17; kif ukoll m'għandhomx dritt li jkunu nominati jew li jieħdu sehem fl-elezzjonijiet għall-għażla ta' l-Uffiċjali tal-Fratellanza.

Il-membri assoċjati għandhom jagħtu l-kontribuzzjoni annwali għas-sħubija, kif determinata mir-Regolamenti Partikolari tal-Fratellanza.

Fratelli li ma jibqgħux attivi għal tliet snin konsekuttivi jistgħu jitolbu li jsiru membri assoċjati.

Fratelli li ma jibqgħux attivi u jsiru membri assoċjati jibqgħu jgawdu d-dritt tad-dfin u għal suffraġji wara mewthom imsemmijin f'artikli 7.7, 7.8 u 7.9.

9 Id-Dħul fil-Fratellanza

9.1 Kull adult li hu Nisrani kattoliku prattikanti u jixtieq jagħti xhieda ta' dak li jemmen, jista' jissieħeb fil-Fratellanza, bil-kundizzjonijiet partikolari li l-Fratellanza jista' jkollha.

Min jixtieq jissieħeb fil-Fratellanza, kemm bħala Fratell u kemm bħala Aspirant, għandu jagħmel talba bil-miktub fuq formola apposta lis-Segretarju tal-Fratellanza u jkollu r-rakkomandazzjoni ta' għallinqas Fratell wieħed. Is-Segretarju jgħaddi t-talba lir-Rettur u lid-Direttur Spiritwali tal-Fratellanza; u dawn huma fid-dmir jiġbru it-tagħrif meħtieġ biex il-kandidat jista' jitressaq għall-aċċettazzjoni bħala Fratell waqt laqgħa li għaliha jiġu msejħa l-Fratelli kollha.

Fiż-żmien ta' bejn it-talba u l-aċċettazzjoni, il-kandidat jingħata kopja ta' l-Istatut ħalli jagħraf sewwa dak li hu mistenni minnu u d-dixxiplina tal-Fratellanza. Sadanittant huwa għandu jieħu sehem fil-laqgħat ta' formazzjoni li jsiru, qabel jiġi aċċettat bħala membru.

Kandidat jiġi aċċettat bħala Fratell fil-Fratellanza waqt iċ-Ċerimonja tal-Vestizzjoni. Din l-aċċettazzjoni tal-kandidat biex ikun membru ta' Fratellanza ssir wara l-omelija f'Quddiesa ċċelebrata apposta.

Ir-Rettur jippreżenta l-kandidati lid-Direttur Spiritwali tal-Fratellanza, jiċċertifika l-ħajja nisranija tajba tagħhom u x-xewqa li huma jħarsu d-dmirijiet ta' Fratelli.

Id-Direttur Spiritwali tal-Fratellanza jitlob lill-kandidati biex jikkonfermaw ix-xewqa tagħhom li jissieħbu fil-Fratellanza u r-rieda tagħhom li jobdu l-Istatut tal-Fratellanza u r-Regolamenti Partikolari tal-Fratellanza. Huwa mbagħad jistedinhom itennu l-wegħdiet (li bihom jipprofessaw bħala membri tal-Fratellanza) u jagħtihom il-konfratija bajda u llamtata bil-pjiegi u l-kurdun u l-muzzetta jew libsa jew distintiv oħra determinati mir-Regolamenti Partikolari tal-Fratellanza.

Il-bidu tal-ħajja fil-Fratellanza bħala Fratell hija l-Vestizzjoni.

Fratell li jkun spiċċa minn membru ta' xi Fratellanza ma jistax jidħol fi Fratellanza oħra qabel ma jgħaddu tliet snin mit-tluq mill-ewwel waħda. Wara dan iż-żmien, mat-talba tiegħu magħmula skond l-artiklu 9.2 għandu jippreżenta dikjarazzjoni dwar ir-raġuni għaliex telaq mill-Fratellanza l-oħra. Għat-tagħrif li għandu jinġabar skond l-artiklu 9.2, għandu jsir ukoll kuntatt mar-Rettur tal-Fratellanza li l-kandidat ikun spiċċa minnha.



R Qabel ma jidħol Fratell, ikun meħtieġ li l-kandidat jagħmel il-kors ta' formazzjoni, anke jekk ikun għamlu qabel biex daħal fi Fratellanza oħra.

## 10 It-Tmexxija tal-Fratellanza

10.1 Il-Fratellanza tkun magħmula minn uffiċjali u membri.

10.2 Il-Fratellanza tkun immexxija minn kumitat li jkun magħmul mid-Direttur Spiritwali u mill-Uffiċjali tagħha.

10.3 L-uffiċjali prinċipali huma:

i. ir-Rettur
ii. is-Segretarju
iii. it-Teżorier
iv. il-Konsulturi, fin-numru speċifikat fir-Regolamenti Partikolari tal-Fratellanza.

10.4 Il-Konsulturi jistgħu jaqdu karigi li l-Fratellanza jew il-kumitat li jmexxiha jaraw il-bżonn tagħhom minn żmien għal żmien, skond kif speċifikat fir-Regolamenti Partikolari tal-Fratellanza.

10.5 Id-Direttur Spiritwali jkun il-Kappillan jew saċerdot ieħor magħżul mill-Kappillan wara li jikkonsulta l-Presbiterju Parrokkjali. Dan jgħodd għall-Fratellanzi eretti u konnessi ġuridikament mal-Parroċċi moqdija mill-kleru djoċesan. Għal Fratellanzi oħra, jew għax mhux konnessi ġuridikament ma' xi Parroċċa moqdija mill-kleru djoċesan, jew għax konnessi ma' knisja ta' Reliġjużi, id-Direttur Spiritwali jkun magħżul mill-Arċisqof, wara li jisma' l-parir ta' l-uffiċjali u, fil-każ ta' Fratellanza konnessa ma' knisja ta' Reliġjużi, wara li jkollu l-kunsens ta' l-Ordinarju propju tar-Reliġjużi.

L-uffiċjali jridu jkunu Fratelli professi għallinqas għal tliet snin konsekuttivi qabel l-għażla tagħhom.

Ma jistgħux jiġu eletti bħala uffiċċjali Fratelli li jkunu:

a. naqsu b'mod gravi u ppruvat kontra l-Fratellanza tant li jkunu ttieħdu passi dixxiplinari kontra tagħhom; jew
b. ta' kondotta mhux eżemplari kemm bħala Fratelli u kemm bħala lajċi nsara; jew
ċ. tilfu l-fama tajba tagħhom fis-soċjeta'; jew
d. jokkupaw xi uffiċċju ta' direzzjoni f'xi partit politiku, jew fil-Kunsill Lokali, jew f'xi każin tal-banda, jew f'xi każin ieħor jew f'xi soċjeta' oħra ta' natura ċivili.

11. L-Għażla ta' l-Uffiċjali

11.1 L-għażla tar-Rettur, tas-Segretarju u tat-Teżorier għandha ssir kull tliet snin. Konsulturi

Is-Segretarju jieħu ħsieb javża, ta' l-anqas ħmistax-il ġurnata qabel, lill-Fratelli kollha u jgħarrafhom bil-ġurnata, bil-ħin u bil-post fejn ser isiru n-nominazzjonijiet u l-elezzjonijiet.

Tmint ijiem qabel id-data ta' l-elezzjonijiet tinżamm laqgħa għall-Fratelli kollha li fiha jsiru n-nominazzjonijiet għall-għażla ta' l-uffiċjali.

11.4 Kull Fratell, li jkollu l-kwalitajiet imsemmija fl-artiklu 10.6 u ma jkunx eskluż mill-artiklu 10.7, jista' jiġi nominat għal kull kariga ta' uffiċjal. Kull nominazzjoni jrid ikollha min jipproponiha u min jissekkondha, u trid tkun ukoll iffirmata mill-persuna li tkun qed tiġi nominata, bħala aċċettazzjoni. Is-Segretarju jieħu nota tan-nominazzjonijiet kollha li jsiru, qabel dawn jiġu ssiġillati, kif ukoll ta' l-ismijiet tal-Fratelli li jipproponu jew jissekondaw kull nominazzjoni.

Fil-laqgħa li fiha jsiru l-elezzjonijiet, ir-Rettur, fil-preżenza tad-Direttur Spiritwali, jaqra n-nominazzjonijiet u ssir l-elezzjoni: l-ewwel għar-Rettur, imbagħad għas-Segretarju u għat-Teżorier. Isiru l-votazzjonijiet, l-ewwel għall-uffiċju ta' Rettur, imbagħad ta' Segretarju, imbagħad ta' Teżorier. Il-votazzjoni tkun sigrieta.

Fil-każ ta' l-elezzjoni għall-karigi ta' Rettur, Segretarju u Teżorier, jiġu meqjusa eletti dawk li jġibu l-maġġoranza assoluta tal-voti validi. Wara votazzjoni li fiha ma tkunx intlaħqet din il-maġġoranza mitluba, il-persuna nominata li ġġib l-anqas voti tiġi eliminata u, fl-istess laqgħa, terġa' ssir elezzjoni oħra bejn il-persuni l-oħra nominati. Din il-proċedura tibqa' tiġi ripetuta sakemm wieħed minn dawk nominati għall-kariga rispettiva jġib il-maġġoranza mitluba.

Fil-każ tal-elezzjoni tal-Konsulturi, jiġu meqjusa eletti dawk li jġibu l-maġġoranza relattiva tal-voti validi.

Fil-każi kollha, f'każ ta' parita', jiġi elett il-Fratell li jkun aktar anzjan fil-professjoni, u f'każ ta' parita' fis-snin ta' professjoni, dak li jkun l-aktar anzjan fl-eta'. Jekk jiġi elett xi ħadd li jkun assenti mil-laqgħa, għandu jiġi mgħarraf mir-Rettur jew mis-Segretarju bla telf ta' żmien.

Fil-każ ta' l-elezzjoni ta' l-uffiċjali kollha, meta għal xi kariga partikolari jkun hemm nominazzjoni waħda, il-persuna nominata tiġi kunsidrata eletta mingħajr il-ħtieġa li ssir l-elezzjoni għal dik il-kariga.

11.10 L-uffiċjali eletti jidħlu għall-qadi tal-kariga tagħhom wara li tinkiseb il-konferma ta' l-Arċisqof. In-notifika tintbagħat mill-Fratellanza lill-Kurja bit-talba għall-approvazzjoni ta' l-Uffiċjali.

11.11 L-uffiċjali kollha jistgħu jiġu nominati u eletti għat-tieni darba, bl-istess proċedura ta' hawn fuq. Wara, ikunu jistgħu jerġgħu jintagħżlu għal xi uffiċċju wara waqfa ta' tliet snin.

11.12 F'każ li għal xi kariga ta' xi uffiċċjal ma jkunx hemm persuna oħra kwalifikata u nominata biex tidħol għaliha, fuq talba ta' għallinqas żewġ terzi (2/3) tal-Fratelli preżenti, biex l-uffiċjal li jkun diga' qeda din il-kariga għal żewġ perijodi ta' tliet snin wara xulxin ikompli fiha, is-Segretarju għandu jressaq talba lill-Ordinarju biex dan l-uffiċjal ikompli fil-kariga għal perijodu ieħor biss ta' tliet snin.

11.13 Biex Fratell ikun jista jieħu [illegible]em fil-laqgħa li fiha jsiru l-elezzjonijiet:

i. irid ikun preżenti;
ii. l-attendenza tiegħu ma tkunx anqas minn 50 fil-mija tas-servizzi u laqgħat għal tul ta' sena żmien immedjatament qabel id-data tal-għeluq tan-nominazzjonijiet;
iii. ikun ħallas il-kontribuzzjoni annwali ta' sħubija.

11.14 Jekk xi membru tal-Kumitat jirriżenja, huwa għandu javża lis-Segretarju bil-miktub, biex imbagħad il-Kumitat ikun jista' jaħtar persuna oħra minfloku. Din il-ħatra ssir bis-sistema tal-'co-option', iżda tkun tinħtieġ ukoll il-konferma ta' l-Arċisqof.

12. Id-Dmirijiet u l-Jeddijiet tal-Imseħbin

12.1 L-imseħbin, kemm Fratelli u Membri Assoċjati, jieħdu sehem mill-ġid spiritwali, talb u indulġenzi, u jkollhom is-suffraġji wara mewthom.

Il-Fratelli, barra milli jieħdu sehem mill-ġid spiritwali, għandhom ukoll il-jedd li jilbsu l-konfratija jew libsa jew distintiv oħra determinati mir-Regolamenti Partikolari tal-Fratellanza, jieħdu



sehem fil-proċessjonijiet Ewkaristiċi u oħrajn u fil-laqgħat minn żmien għal żmien.

Biex jgħixu u jwettqu d-dmirijiet tagħhom ta' nsara u ta' Fratelli, għandhom ifittxu li jgħixu ħajja nisranija eżemplari skond l-istat tal-ħajja tagħhom u

- jieħdu sehem sħiħ fl-Ewkaristija flimkien mal-Fratelli kollha fil-Ħdud u fil-Festi determinati mid-Direttur Spiritwali, wara li jisma' l-parir tal-Kumitat;
- huwa b'dan is-sens ta' qima u devozzjoni li l-Fratelli jieħdu sehem fil-proċessjonijiet li jsiru fil-parroċċa;
- jattendu regolarment għal-laqgħat, sew ta' formazzjoni u sew ta' informazzjoni, li jsiru minn żmien għal żmien;
- mingħajr preġudizzju għal dak li jingħad fl-artiklu 12.4, iwettqu is-servizzi li l-Fratellanza li tagħha jkunu membri tkun obbligata twettaq, sew jekk dawn ikunu ġejjin mid-dmirijiet statutorji u mir-regolamenti partikolari tal-Fratellanza stess u sew jekk dawn ikunu ġejjin mill-ħtiġijiet tal-ħidma pastorali tal-parroċċa;
- jieħdu ħsieb ikabbru l-għaqda bejn il-Fratelli u bejn il-Fratellanzi. Dan għax jifhmu li l-aqwa xhieda li jistgħu jagħtu bħala nsara jagħtuha biss jekk ikunu f'għaqda ma' ħuthom;
- ifittxu li l-bżonnijiet materjali u spiritwali ta' ħuthom il-Fratelli jkunu moqdija, l-aktar fil-mumenti diffiċli tal-ħajja;
- jkunu attivi fil-ħajja tal-komunita' li għall-ġid u l-iżvilupp tagħha huma joffru t-talenti u l-kariżmi li bihom żejjinhom il-Mulej Alla.

Din id-dedikazzjoni tpoġġi fuq spallejn kull Fratell dmirijiet speċjali li huwa għandu jfittex li jwettaq. Minħabba f'hekk, Fratell m'għandux ikun membru sħiħ f'iżjed minn Fratellanza waħda. Iżda Fratell jista' jitlob li jkun membru assoċjat f'aktar minn Fratellanza waħda. Hekk jitqies li hu membru sħiħ ta' Fratellanza

waħda u Fratell Assoċjat fil-Fratellanza l-oħra. Wieħed jiġi biss aċċettat bħala Fratell Assoċjat jekk ikun diġa' Fratell fi Fratellanza oħra. Bħala Fratell Assoċjat ikollu l-istess dmirijiet u drittijiet ta' Fratell ħlief li ma jkollux dritt li jkun nominat jew li jieħu sehem fl-elezzjonijiet għall-għażla ta' l-Uffiċjali tal-Fratellanza. Fratellanza titlob kontribuzzjoni annwali għas-sħubija mill-Fratelli Assoċjati kif determinata mir-Regolamenti Partikolari tal-Fratellanza.

13. <u>Id-Dmirijiet tad-Direttur Spiritwali u ta' l-Uffiċjali</u>

13.1 Id-Direttur Spiritwali hu , ex ufficio, membru tal-Fratellanza. Ir-rwol tiegħu hu ta' animazzjoni spiritwali tal-Fratellanza u ta' direzzjoni spiritwali tal-membri tagħha li jkunu jixtiquha. Id-Direttur Spiritwali għandu jipprepara u jattwa l-attivitajiet spiritwali u ta' formazzjoni għall-Fratellanza, flimkien mar-Rettur.

13.2 Ir-Rettur huwa l-mexxej u s-superjur tal-Fratellanza. Huwa responsabbli għat-tmexxija ġenerali tagħha. Hu dmir u dritt tiegħu li jsejjaħ u jippresiedi l-laqgħat kollha tal-Fratellanza; u jirrappreżentaha quddiem l-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi u Ċivili. Għandu dmir jattendi għal-laqgħat tal-Fratellanzi li jissejħu fil-parroċċa. Bħall-uffiċjali l-oħra kollha, huwa jmexxi l-ewwelnett bl-eżempju u l-imġieba u bil-ħarsien tal-Liġijiet u d-direttivi tal-Knisja, ta' l-Istatut u tar-Regolamenti Partikolari tal-Fratellanza. Huwa jgħasses dwar il-ħarsien ta' l-Istatut u tar-Regolamenti Partikolari u li l-uffiċjali l-oħra u l-Fratelli jaqdu dmirijiethom kif jixraq. F'każ ta' nuqqas serju kontra l-Istatut jew kontra r-Regolamenti Partikolari huwa jikkonsulta ruħu ma' l-uffiċjali l-oħra, mad-Direttur Spiritwali u mal-Kappillan biex jittieħdu r-rimedji meħtieġa. Huwa dmir tar-Rettur li jara li l-laqgħat u s-servizzi kollha tal-Fratellanza jimxu sewwa. Huwa jiffirma l-minuti tal-laqgħat wara li dawn jiġu approvati mill-Fratelli preżenti għal-laqgħa.

13.3 Hu dmir tas-Segretarju li jattendi l-laqgħat kollha tal-Fratellanza, jieħu ħsieb iniżżel il-minuti ta' dak li jintqal u jżomm ordnati tajjeb id-dokumenti u l-korrispondenza kollha. Għandu jassigura li dawn jintrefgħu f'post jinqafel fl-Uffiċċju Parrokkjali, jew fis-Sede tal-Fratellanza. Huwa għandu d-dover li - flimkien mar-Rettur - jattendi għal-laqgħat tal-Fratellanzi li jissejħu fil-parroċċa. Is-Segretarju għandu dmir li jwassal kull korrispondenza li tasal għandu lir-Rettur fl-iqsar żmien possibbli. Kull sena jħejji rapport dwar il-ħidma tal-Fratellanza. Wara li dan ir-rapport jinqara lill-Fratelli u jiġi approvat, is-Segretarju għandu jgħaddi kopja tiegħu lis-Segretarju tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali u lid-Delegati ta' l-Arċisqof fis-Segretarjati "Għal-Lajċi" u "Għall-Ħajja u Ħidma fil-Parroċċi". Is-Segretarju għandu jżomm lista aġġornata tal-Fratelli bl-isem, il-kunjom, in-numru tal-Karta tal-Identita', l-indirizz, id-data tal-vestizzjoni u xi dettalji oħra meħtieġa. Iżomm ukoll lista tal-Fratelli li jmutu u ta' dawk li jkunu dixxiplinati mill-Fratellanza. Għandu wkoll jieħu ħsieb li jsiru - bla telf ta' żmien - is-suffraġji għall-Fratell li jmut.

It-Teżorier hu responsabbli għall-ġid kollu, mobbli u mmobbli tal-Fratellanza. (Dwar l-amministrazzjoni tal-ġid tal-Fratellanza, ara sezzjoni 14). Huwa wkoll fid-dmir li jiġbor regolarment il-kontribuzzjoni annwali ta' sħubija tal-Fratelli skond kif din tkun stipulata mir-Regolamenti Partikolari tal-Fratellanza. Huwa dmir tat-Teżorier li jżomm inventarju ta' l-oġġetti u l-ġid li jappartjenu lill-Fratellanza. Ħlief għall-kontijiet bankarji permessi skond id-direttivi ta' l-Uffiċċju Djoċesan ta' l-Amministrazzjoni, l-oġġetti u l-ġid mobbli tal-Fratellanza għandhom jinżammu f'postijiet ekkleżjastiċi. Ma jista' jislef l-ebda oġġett mingħajr il-permess tar-Rettur wara li dan jikkonsulta ruħu mal-Kappillan jew mas-Superjur tal-knisja ta' Reliġjużi rispettivament, u dan biss għall-iqsar żmien meħtieġ u b'riċevuta ffirmata minn min ikun issellef l-oġġett jew oġġetti. Kull sena jħejji rapport finanzjarju. Wara li dan

ir-rapport jiġi approvat fil-laqgħa ġenerali, kopja tiegħu għandha tintbagħat lill-Kunsill Ekonomiku Parrokkjali u oħra lis-Segretarju Amministrattiv tal-Kurja għar-reviżjoni. Huwa għandu wkoll iżomm reġistri finanzjarji skond is-sistema finanzjarja tal-parroċċa u ta' l-Uffiċċju Djoċesan ta' l-Amministrazzjoni. Fihom għandu jniżżel id-dħul u l-ħruġ, b'informazzjoni ta' minn fejn ġew u fejn marru l-flus. Ma jista' jagħmel l-ebda ħlas li jaqbeż il-Lm50 min jeddu. Ikun sewwa li mill-flus tal-Fratellanza, wara l-laqgħa ġenerali u bl-approvazzjoni tagħha tingħata għajnuna għall-fond tal-karita' jew fondi oħra tal-parroċċa.

L-uffiċjali huma marbuta li jżommu sigriet mal-barranin dwar dak li jingħad, li jiġi ordnat, li jiġi ppjanat u li jasal għand il-Fratellanza. Id-dokumenti kollha - inkluż il-ktieb tal-minuti - jistgħu jintwerew biss lil xi Fratell; biex jarahom ħaddieħor ikun hemm bżonn il-permess bil-miktub tar-Rettur u tad-Direttur Spiritwali.

Fi tmiem il-kariga tiegħu, kull uffiċjal għandu fi żmien ġimgħa jgħaddi lis-suċċessur il-kotba, ir-reġistri u d-dokumenti tal-Fratellanza li jkunu f'idejh, ordnati u aġġornati.

14. L-Amministrazzjoni tal-Ġid tal-Fratellanza

14.1 L-amministrazzjoni finanzjarja tal-Fratellanza mwaqqfa f'Parroċċa moqdija mill-kleru djoċesan tidħol fl-amministrazzjoni ġenerali tal-parroċċa, għalkemm kull Fratellanza jkollha kont għaliha u Teżorier għaliha.

L-inventarju tal-Fratellanza għandu jkun mogħti wkoll lill-Kappillan bħala l-Amministratur tal-ġid tal-parroċċa f'isem l-Arċisqof; u kopja oħra tiegħu għandha tingħata lill-Kanċellerija tal-Kurja biex tinżamm fl-Arkivju.

Bla preġudizzju għal dak li jingħad fl-artiklu 14.3.2, l-amministrazzjoni tal-Legati annessi ma' Fratellanza tkun ċentralizzata jew fuq livell djoċesan fl-Uffiċċju Djoċesan ta' l-Amministrazzjoni jew fuq livell parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali ta' l-Amministrazzjoni.

14.3.1 L-amministrazzjoni tal-Legati annessi ma' Fratellanzi mwaqqfa f'paroċċi moqdija mill-kleru djoċesan hija ċentralizzata fl-Uffiċċju Djoċesan ta' l-Amministrazzjoni. L-istess uffiċċju jista', għal żmien determinat minnu, jafda din l-amministrazzjoni tal-Legati annessi ma' dawn il-Fratellanzi lill-Uffiċċju Parrokkjali ta' l-Amministrazzjoni ta' dik il-parroċċa.

14.3.2 L-amministrazzjoni tal-Legati annessi ma' Fratellanzi indipendenti minn Parroċċi moqdija mill-kleru djoċesan jew imwaqqfa fi knejjes tar-Reliġjużi ssir skond direttivi mogħtija mill-Kunsill Rappreżentattiv Djoċesan.

15. Il-Laqgħat tal-Fratellanza

15.1 Hemm tliet għamliet ta' laqgħat tal-Fratellanza:

a. Il-Laqgħa ta' l-Uffiċjali;
b. Il-Laqgħa tal-Fratelli;
ċ. Il-Laqgħa ta' Formazzjoni għall-Fratelli.

16. Il-Laqgħat ta' l-Uffiċjali

16.1 Il-Laqgħa ta' l-Uffiċjali tissejjaħ mir-Rettur darba kull xahrejn u kull meta fil-fehma tiegħu din tkun mitluba mill-ħtiġijiet tal-Fratellanza. Il-Kappillan jew id-Direttur Spiritwali jistgħu wkoll jitolbu li ssir din il-laqgħa.

16.2 L-uffiċjali kollha huma fid-dmir li jattendu għal din il-laqgħa. Nofs l-uffiċjali u wieħed ikunu biżżejjed biex ikun hemm kworum.

Il-minuti u d-deċiżjonijiet ta' din il-laqgħa jinżammu fi ktieb għalihom u jkunu aċċessibbli għad-Direttur Spiritwali, l-Uffiċċjali u l-Kappillan. Dawn huma fid-dmir li jħarsu s-sigriet dwarhom ma' min mhux Fratell.

Id-deċiżjonijiet ta' din il-laqgħa jitressqu fil-Laqgħa tal-Fratelli kollha meta:

a. jintalbu tibdiliet fir-Regolamenti Partikolari tal-Fratellanza;
b. tiġi deċiża nefqa ta' aktar minn Lm 100;
ċ. tiġi deċiża t-tkeċċija ta' xi Fratell;
d. tittieħed deċiżjoni li tolqot il-ġid u d-drawwiet tal-Fratellanza jew ir-relazzjonijiet ma' Fratellanzi oħra.

<u>Il-Laqgħa tal-Fratelli</u>

Il-Laqgħa tal-Fratelli (jew Laqgħa Ġenerali) hija laqgħa għall-Fratelli kollha u tkun msejħa minn żmien għal żmien, iżda ta' l-inqas darba fis-sena, biex bħal aħwa:

i. il-Fratelli jkollhom tagħrif dwar il-Fratellanza u l-andament tagħha;
ii. il-Fratelli jiddeċiedu fuq kull ma' għandu x'jaqsam mal-Fratellanza.

Ir-Rettur għandu d-dmir li jsejjaħ din il-laqgħa wkoll meta ssirlu talba bil-miktub minn kwart tal-Fratelli professi. F'din it-talba għandhom jiġu spjegati r-raġunijiet għaliex tkun qegħda ssir it-talba.

Il-kworum għal din il-laqgħa jkun ta' kwart u wieħed tan-numru tal-Fratelli. Jekk dan in-numru ma jkunx preżenti għall-bidu tal-laqgħa, il-laqgħa tibda kwarta wara bin-numru preżenti basta dan ma jkunx ta' inqas minn wieħed minn kull sitta mill-Fratelli. L-avviż tal-laqgħa għandu jintbagħat mis-Segretarju mill-inqas tmint ijiem qabel; fl-avviż għandhom ikunu indikati s-suġġetti li se jiġu diskussi fil-laqgħa.

Il-laqgħa titmexxa bl-ordni u d-dixxiplina. Il-Fratelli kollha għandhom id-dritt li jitkellmu u jagħmlu proposti fuq dak li jkun hemm fl-aġenda. Deċiżjonijiet jistgħu jittieħdu biss fuq il-materji mniżżla fl-aġenda.

Kull proposta preżentata minn Fratell trid tkun sekondata minn Fratell ieħor biex tiġi aċċettata u diskussa.

Is-Segretarju jżomm il-minuti ta' dak li jingħad u jiġi deċiż; dawn jiġu moqrija u approvati fil-laqgħa ta' wara u ffirmati mir-Rettur u s-Segretarju.

Id-deċiżjonijiet jittieħdu b'vot miftuħ u jgħaddu b'maġġoranza sempliċi. Vot sigriet għandu jinżamm jekk jintalab minn kwart u wieħed tal-Fratelli preżenti għal-laqgħa.

17.9 Huwa dmir tal-Fratelli kollha li jkunu prudenti fil-kliem u fl-imġiba waqt il-laqgħat biex ma jweġġgħu lil ħadd. Qabel ma jibda jitkellem, kull Fratell għandu jkollu l-permess tar-Rettur jew ta' min ikun qiegħed imexxi l-laqgħa.

Ir-Rettur għandu d-dritt u d-dmir li jwiddeb lil min ikun qed jonqos minn dmiru, waqt u barra mil-laqgħa; skond il-gravita' tal-każ huwa jista' jneħħi d-dritt tal-vot jew ikeċċi mil-laqgħa lil min ikun qiegħed iġib ruħu ħażin.

17.10 Huwa dritt tal-laqgħa tal-Fratelli li tiddixxiplina lill-Fratell li bil-kliem jew bl-imġiba tiegħu jmur kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Awtoritajiet Eklezjastiċi jew li jonqos minn dmiru lejn il-Fratellanza, b'imġiba ħażina, b'nuqqas ta' qadi ta' terz tas-servizzi

tal-Fratellanza mingħajr raġuni valida jew b'xi azzjoni oħra ta' ħsara imqar morali lill-Fratellanza.

17.11 Il-laqgħa tal-Fratelli tħaddem dan id-dritt jekk il-Fratell, wara li jkun imwissi, jibqa' fl-istess nuqqas jew imġieba ħażina jew ma jirreparax għall-ħsara li jkun għamel.

17.12 F'dan il-każ, il-Fratell għandu jingħata ċ-ċans li jitkellem hu personalment ħalli jispjega l-imġiba tiegħu.

17.13 F'kull każ, id-deċiżjonijiet tal-laqgħa tal-Fratelli huma inappellabbli ħlief quddiem l-Awtorita' Ekkleżjastika kompetenti.

Il-Laqgħa ta' Formazzjoni

Il-Laqgħa ta' Formazzjoni għall-Fratelli tkun organizzata skond programm imfassal mir-Rettur, bi ftehim mad-Direttur Spiritwali, biex il-Fratelli jkollhom esperjenzi ta' spiritwalita', ta' tagħlim u ta' fraternita'.

18.2 Ir-Rettur, bi ftehim mad-Direttur Spiritwali, għandu d-dmir li jsejjaħ din il-laqgħa darba kull xahrejn.

Il-formazzjoni li tingħata f'dawn il-laqgħat għandha tkun fil-linji definiti f'Appendiċi I anness ma' dan l-Istatut.

19 Sehem il-Fratellanza fil-Parroċċa

19.1 Il-Fratellanza hija għaqda ta' adulti Nsara li jieħdu sehem attiv fil-ħajja parrokkjali.

19.2 Bis-sejħa u l-ħidmiet partikolari tagħha, il-Fratellanza hija għana u ġid għall-parroċċa.

19.3 Permezz ta' laqgħat ta' tagħlim u ta' formazzjoni, il-Fratelli jagħrfu aħjar il-Kelma ta' Alla u l-applikazzjoni tagħha fil-ħajja ta' kuljum.

19.4 Bis-sehem tagħhom fiċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija u fit-talb pubbliku, il-Fratelli jagħtu qima lil Alla; din il-qima juruha wkoll meta jipparteċipaw fi proċessjonijiet u f'ċelebrazzjonijiet oħra bl-istess spirtu ta' qima, mħabba u devozzjoni.

19.5 Għaliex huma Fratelli, jiġifieri aħwa ta' xulxin, u għalhekk jieħdu ħsieb il-ġid materjali u spiritwali ta' xulxin, il-Fratelli jaqdu lil xulxin b'imħabba nisranija.

19.6 L-għaqda bejn il-Fratelli fil-Fratellanza u bejn il-Fratellanzi tal-parroċċa hija xhieda li l-Mulej huwa f'nofshom u magħhom. Hija din l-imħabba lejn xulxin li tiġbed nies ġodda biex isiru Fratelli.

Biex Fratellanza tkun rappreżentata fil-Kunsill Pastorali Parrokkjali (KPP), trid tiġi rikonoxxuta bħala waħda mill-Għaqdiet fi ħdanha li l-parroċċa tagħraf bħala parrokkjali. Din ir-rappreżentanza hi regolata mill-Istatut tal-Kunsilli Pastorali Parrokkjali, u għal dan il-għan ir-Rettur hu meqjus bħala l-"Ko-ordinatur tal-Għaqda". Fejn f'Parroċċa hi mwaqqfa l-Kummissjoni Parrokkjali Fratellanzi (KPFR), ir-rappreżentanza fil-KPP tkun f'isem il-KPFR kif definit f'Appendiċi III anness ma' dan l-Istatut.

19.8 Bħala għaqda tal-fidili (prinċipalment lajċi) adulti fil-parroċċa, il-Fratellanza tfittex li taħdem id f'id ma' l-Għaqdiet l-oħra tal-parroċċa biex jintlaħqu l-għanijiet pastorali tal-parroċċa u ta' l-Arċidjoċesi.

Għaliex il-Fratellanza ma għandha tagħmel xejn li jfixkel jew itellef il-ħidma flimkien fil-parroċċa u tkun lesta li toqgħod għall-

prijoritajiet pastorali parrokkjali, hija essenzjali l-kooperazzjoni mal-Kappillan u l-kleru.

19.10 Jekk, fil-ġudizzju ta' l-Awtorita' Djoċesana, il-Fratellanza ma tkunx tgħix is-sejħa tagħha jew ma jkollhiex Fratelli biżżejjed biex taqdi d-dmirijiet tagħha jew tonqos almenu għal tliet snin sħaħ milli twettaq id-dmirijiet tagħha jew tmur gravament kontra d-dispożizzjonijiet ta' l-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi, hija tiġi soppressa u l-propjeta' tagħha kollha tgħaddi f'idejn il-parroċċa.

Il-Kollaborazzjoni bejn il-Fratellanzi

Il-preżenza ta' aktar minn Fratellanza waħda f'Parroċċa u l-eżistenza ta' Fratellanzi li jħaddnu l-istess Sejħa, joffru opportunita' ta' kollaborazzjoni bejn il-Fratellanzi fuq livell parrokkjali, fuq livell ta' Unita' Pastorali jew fuq livell djoċesan.

Il-kollaborazzjoni bejn għadd ta' Fratellanzi flimkien hi regolata permezz ta' Appendiċi III anness ma' dan l-Istatut Bażiku, kif ukoll permezz tar-Regolamenti Partikolari ta' kull Fratellanza.

21. Statut tal-Fratellanza

21.1 Fratellanza għandha jkollha Statut li:

i) jiddefinixxi t-twaqqif tal-Fratellanza bħala assoċjazzjoni ta' dritt pubbliku tal-fidili Nsara animati mill-Ispirtu biex ifaħħru lill-Mulej permezz ta' Ġesu';
ii) u jirrikonoxxi dan l-Istatut Bażiku bħala l-istatut tal-Fratellanza.

21.2 L-Istatut tal-Fratellanza jidħol fis-seħħ meta jiġi approvat mill-Arċisqof. Kull tibdil fl-Istatut irid ukoll jiġi sottopost għall-approvazzjoni ta' l-Arċisqof, u jibda jgħodd biss wara li jkollu din l-approvazzjoni.

22. Regolamenti Partikolari tal-Fratellanza

22.1 Fratellanza għandha tkun immexxija wkoll permezz ta' Regolamenti Partikolari tal-Fratellanza. Fir-Regolamenti Partikolari, il-Fratellanza tista' żżid artikli tagħha jew regolamenti partikolari għaliha biex ikunu mfissra aħjar is-sejħa, il-karatteristiċi u d-dmirijiet tagħha. Imma dawn l-artikli u r-regolamenti hekk miżjudin ma jistgħu bl-ebda mod imorru kontra dak li hemm fl-Istatut Bażiku għall-Fratellanzi.

Ir-Regolamenti Partikolari tal-Fratellanza jidħlu fis-seħħ meta jiġu approvati mill-Arċisqof. Kull tibdil fir-regolamenti jrid ukoll jiġi sottopost għall-approvazzjoni ta' l-Arċisqof, u jibda jgħodd biss wara li jkollu din l-approvazzjoni.

Dokumenti annessi ma' l-Istatut Bażiku

Id-Dokumenti annessi bħala Appendiċi ma' dan l-Istatut Bażiku għandhom jitqiesu bħala parti integra miegħu.

Emendi għall-Istatut Bażiku għall-Fratellanzi

Dan l-Istatut Bażiku għall-Fratellanzi hu approvat mill-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta u jista' jiġi emendat biss mill-istess Awtoritajiet Ekkleżjastiċi.